**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 23 ta' Frar, 2001**

**Numru 28**

**Avviz. numru 459/00JR**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Electrolite Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Marzu, 2000, fejn intalab il-hlas ta' tmienja u tletin lira Maltija u erbatax-il centezmu (Lm38.14) rapprezentanti access ghall-uzu ta' "mobile telephone" u "airtime" ghall-istess uzu ghall-perijodu mis-27 ta' Frar, 1998, sal-10 ta' Mejju, 1999;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fis-6 t'April, 2000, fejn intqal li l-ebda ammont ma huwa dovut lis-socjeta` attrici u dana ghar-ragunijiet li sejrin jigu spjegati waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.**

**Semgha x-xhieda ta' Ray Casa ghas-socjeta` konvenuta, u Dr. Anthony Vella ghas-socjeta` attrici. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Illi skond ma xehed ray casa, direttur tas-socjeta` konvenuta, il-"mobile phone" li kellu kien bieghu lil certu Anthony Cassar, u meta ghamel dan kien kellem lis-socjeta` attrici, u fuq direzzjoni tal-"customer care" ta' l-istess socjeta` kien ghamel karta li tindika li kien qed jaqleb il-"mobile" ghall-fuq l-imsemmi Cassar. Din il-larta qatt ma giet esebita. Skond il-konvenut hu kien hallas kollox u ma kellhu jaghti xejn lis-socjeta` attrici.**

2. **Mid-dokument esebit mis-socjeta` attrici jirrizulta li kienu qed isiru pagamenti, u l-ahhar pagament sar fit-3 ta' Mejju, 1999. Id-Dok.A2 esebit mis-socjeta` attrici juri li Ray Casa kien iffirma l-"order form" relativa.**

3. **Ghalhekk mill-provi mismugha ma hemm ebda prova konkreta li fil-fatt sar it-trasferiment allegat, qabel id-data imsemmija li fiha qed jigi mitlub il-hlas. Ghalhekk jidher li dan l-ammont ghadu fil-fatt dovut mis-socjeta` attrici.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmienja u tletin lira Maltija u erbatax-il centezmu (Lm38.14), bl-imghaxijiet legali mis-16 ta' Marzu, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**